# IL-KAPPELLI NANI U BUGEJA FIS-SEKLU GĦOXRIN

TKOMPLI MILL-ĦARĠA TAS-SENA L-OĦRA L-ISTORJA TAL-FAMILJA BUGEJA..... U R-RABTA MAL-FLORIANA



Ċensinu Bugeja

L-istorja komuni u traġika li mmissu b'idejna kuljum hi li ħaġa titwieled, tiżviluppa, tilħaq il-quċċata ta' l-eżistenza tagħha, imbagħad tibda t-triq kerha tan-niżla. Il-Kappella Bugeja u l-Kappella Nani, kreazzjoni ta' Pietro Paolo Bugeja u Paolo Nani rispettivament, laħqu quċċata sorprendenti ta' qawwa u popolarità, forsi bil-wisq akbar milli min bdiehom qatt ħolom. Fis-seklu għoxrin tfaċċaw elementi ġodda għalkemm kellhom l-għeruq fis-seklu ta' qabel u l-*Motu proprio* kien biss wieħed minnhom. Ġrajjiet oħra tas-seklu għoxrin, kemm internazzjonali u kemm lokali, inevitabbilment ġabu metodu ta' ħajja ġdida f'pajjiżna. Kienu dawn li fl-aħħar mill-aħħar warrbu minn fuq il-mużika liturġika dik l-attenzjoni forsi esaġerata li dejjem gawdiet.

Il-bidliet u t-taqlib li l-gwerra ġabet fil-pajjiż inħassu wkoll fil-mużika tal-knejjes mhux biss sakemm damet imma wkoll wara. Il-partit Bugejista u dak Nanista komplew jisfaxxaw waqt li l-Kappelli tilfu xi mużiċisti, ħafna minnhom impenjati fl-isforz tal-gwerra. Dan kollu kien qed jiġri meta ż-żewġ *maestri* kienu xjaħu sewwa u għalhekk jifilħu anqas u anqas it-taqlib tal-gwerra, ix-xogħol iebes u l-ħafna traġitti minn post għal ieħor li l-Kappelli kienu jitolbu. Riccardo Bugeja miet fit-28 ta' Frar, 1926, fl-età ta' tnejn u tmemin sena. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien marid u rtirat, ibnu Ċensinu kien għadu tifel u kien il-kunjat tiegħu, Giuseppe Abdilla, li regolarment kien imur imexxi l-mużika fil-festi.[3] Anton Nani miet fil-25 ta' Frar, 1929, fl-età ta' sitta u tmenin sena. L-istess bħal Bugeja fl-aħħar snin ta' ħajtu naqqas ħafna mix-xogħol u l-biċċa l-kbira tad-direzzjoni tal-Kappella kienu jagħmluhielu oħrajn, fosthom Emanuele Bartoli,[4] it-tifel tiegħu Paul li kien għadu żgħir[5] u Carlo Fiamingo[6]. F'dawn iċ-ċirkostanzi, xi knejjes kellhom ifittxu surmastrijiet oħra. Naturalment fittxew surmastrijiet żgħażagħ li kellhom mużika fil-konfini tal-*Motu proprio*. L-aktar tliet Kappelli li gwadanjaw kienu dawk ta' Carlo Diacono, ta' Giuseppe Caruana u ta' Ferdinando Camilleri.



Edgar Gatt

Fost il-knejjes li bidlu l-*maestro di Cappella* tagħhom insibu l-parroċċa ta' Portu Salvo li mingħand il-Familja Bugeja marret fl-1913 għand Giuseppe Caruana;[7] tal-Mosta li mingħand il-Kappella Nani fl-1918 għaddiet għand Giuseppe Caruana[8], taż-Żurrieq li mingħand il-Familja Bugeja għaddiet fl-1918 għand Ferdinando Camilleri;[9] ta' San Ġorġ, Ħal Qormi li fl-1923 ħadha Ferdinando Camilleri;[10] taż-Żejtun li mingħand il-Kappella Nani għaddiet uffiċjalment għand Carlo Diacono fl-1920;[11]; ta' Ħal Tarxien li mingħand il-Kappella Nani għaddiet għal Lorenzo Gonzi[12] fl-1915[13]; ta' Birkirkara li wara li kien ilha għal għexieren ta' snin fil-Kapella Bugeja[14] fl-1918 għaddiet għand

NIFIRĦU LIS-SURMASTRIJIET DI CAPPELLA GIUSEPPE MAGRI TALLI TAWH F'IDEJH IL-CAPPELLA TA' SAN PUBLJU



Ferdinando Camilleri, [15] tal-Floriana li ħalliet lill-Kappella Bugeja fl-1918 biex marret għand Giuseppe Magri. Interessanti l-artiklu qasir li deher f'ġurnal dwar din il-bidla: Nifirħu lis-surmastru di cappella Giuseppe Magri talli tawh f'idejh il-Kappella ta' San Publju. Il-mużika li jikteb dan il-ħabrieki surmast hija skond il-*Motu proprio* u għalhekk barra mis-sbuħija tagħha, tista' ssir fil-festa bil-permess ta' l-isqof. [16]

Anke wara aktar minn ħmistax-il sena, l-eku ħaj tal-*Motu proprio* kien għadu jdamdam. Meta waslu biex jeħduhom kompletament f'idejhom, Ċensinu Bugeja [17] u Paul Nani [18] kellhom Kappelli bil-prestiġju. It-tnejn ippreparaw ruħhom sewwa biex ikomplu t-tradizzjoni tal-familja. Paul Nani, wara studju ma' missieru, ma' Carlo Fiamingo u Gaetano Roveri [19] mar Ruma biex, bejn l-1928 u 1936, ikomplihom taħt Vincenzo di Donatou Ermanno Wolf-Ferrari (1876-1848). [20] Ċensinu Bugeja studja taħt Luigi Vella u Giuseppe Abdilla f'Malta u, bejn l-1927 u l-1934, fil-Pontificio Istituto di Musica Sacra [21] ta' Ruma fejn il-maestri tiegħu inkludew lil Paolo Ferretti (1866-1938), Raffaele Casimiri (1880-1943), u Licino Refice (1885-1954). [22] Kburin b'dak li kienu għamlu l-antenati tagħhom, meta ġew lura Malta, it-tnejn ippruvaw jagħtu nifs ġdid lill-partrimonju tal-familja. L-isforzi tagħhom kienu megħjuna mill-mewt bikrija ta' Giuseppe Caruana fl-1931. Minħabba f'hekk, pereżempju, il-parroċċa tal-Mosta marret lura mal-Kappella Nani u dawk tal-Floriana u ta' Porto Salvu reġgħu ħaddnu dik ta' Bugeja. Għalkemm il-Kappelli qatt ma reġgħu laħqu l-importanza inkandexxenti u l-pożizzjoni dominanti tas-seklu ta' qabel, irkupraw knejjes suffiċjenti biex jibqgħu importanti fil-mużika liturġika, tnejn mill-erba' Kappelli ewlenin tas-seklu għoxrin, it-tnejn l-oħra dawk tal-Familja Diacono u l-Familja Camilleri.

## WARA T-TIENI GWERRA DINJIJA

It-taqlib politiku estern li kien hemm f'partijiet mill-Ewropa sa fl-aħħar sploda fit-Tieni Gwerra Dinjija nhar l-1 ta' Settembru, 1939, meta forzi Tedeski invadew il-Polonja. Meta l-Italja, fl-10 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, ingħaqdet mal-Ġermanja, il-gwerra issa kienet bieb u għatba u pajjiżna ma damx ma ġie fiċ-ċentru tat-taqtigħa, b'attakki mill-ajru ma jaqtgħu xejn. Is-servizz tal-mużiċista tal-knisja beda jiġi mfittex anqas u anqas u s-sors prinċipali u għajxien li tradizzjonalment kien jeżisti f'Malta għall-kompożitur b'hekk naqas sostanzjalment. Il-konsegwenza prinċipali kienet li wisq anqas mużika liturġika, il-kontributur prinċipali tal-wirt mużikali Malti, bdiet tinkiteb.

Paul Nani u Ċensinu Bugeja, it-tnejn li huma, ippruvaw jgħixu l-ħajja ta' *maestri di cappella* fil-manjiera u l-prattika ta' l-antenati famużi tagħhom.

Ċensinu Bugeja wkoll tħabat biex iżomm it-tradizzjoni tal-familja tiegħu ħajja. Hu wkoll kiteb numru ta' xogħlijiet [31] fl-idjoma tal-Motu proprio għas-servizz tal-knejjes fil-Kappella. Kien megħjun ukoll fil-kitba ta' xogħlijiet ġodda minn Giuseppe Abdilla mill-Floriana, kontrapontist bravu, student ieħor ta' Paolino Vassallo kif ukoll ta' Giuseppe Em. Bonavia. Raġel reliġjuż għall-aħħar u membru tal-Mużew, sar parentela mad-dinastija Bugeja wara ż-żwieġ t'oħtha Elena ma' Riccardo. Figura xi ftit indefinita fl-istorja tal-mużika lokali hu rraportat li qal:

*Ħsieb ewlieni tiegħu hu dak li ngħaddi lin-neputi tiegħi Ċensinu kulma naf: xewqa tiegħi narah ma jagħmilx għajb lil nislu.* [32]

Kompożitur dotat ħafna, hemm sinjali li juru li numru ta' xogħlijiet tiegħu, li l-awtur tagħhom qatt ma ġie uffiċjalment identifikat, [33] ġew utilizzati minn Ċensinu Bugeja fl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-Kappella. Huma fost l-aħjar xogħlijiet tal-Familja Bugeja fi-prodott tagħha ta' wara l-1935. Eżemplar prim li għadu jsir ta' l-istil kompless tiegħu ta' spiss huwa t-*Tantum Ergo in Fa minore* għal tenur, kor ta' subien, kor maskili fi tliet vuċijiet u orkestra, wieħed mill-ftit xogħlijiet li jidhru taħt ismu, invenzjoni ġenjali u splendida, b'melodija li

ssaħħar. X'aktarx hu l-isbaħ *Tantum Ergo* fost il-mijiet li nkitbu minn kompożituri Maltin. B'Ċensinu u b'Paul id-dinastiji tal-kompożituri Bugeja u Nani ġew fi tmiemhom. Ċensinu ma kellux tfal u Paul skoraġġixxa attivament lil uliedu milli jkomplu fil-professjoni mħaddna minnu u mill-antenati tiegħu. Bniedem prattiku u sinċier, fehem li Malta ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija lanqas kien baqgħalha l-ispazju limitat li kellha għal *maestro di cappella* professjonali. Minħabba t-tnaqqis progressiv tax-xogħol tal-Kappella Nani, huwa stess kellu jikkonċentra aktar u aktar fuq in-negozju tal-familja [34] milli fil-prattika tal-mużika waqt li Ċensinu kellu jieħu impjieg klerikali biex jaqla' għajxien xieraq.



PATRI SALV GALEA OP

Ċensinu Bugeja miet fil-25 ta' Jannar, 1967. Ħalla l-arkivju mużikali tal-Familja Bugeja li kien fil-pussess tiegħu lill-Provinċja Dumnikana Maltija li kellha wkoll taħtar surmast biex imexxi l-Kappella. L-ewwel maestro li l-provinċja nnominat kien Edgar Gatt li dam jidderiġiha għal ħames snin, sal-bidu ta' l-1972.

F'Ottubru ta' l-istess sena, il-Provinċja ħatret lill-Patri Salv Galea, (t. 1933), student ta' Carmelo Pace, biex ikun il-*maestro* l-ġdid. Fit-tradizzjoni tal-maestri tal-passat, Patri Salv ikkompona numru ta' xogħlijiet għall-użu tal-Kappella, fosthom gradwal *Alleluia con versetto Ave Maria* għall-festa ta' Marija Bambina tax-Xagħra. Miktub fl-1987 għal tenur u baxx solisti, kor imħallat u orkestra, hu xogħol melodjuż u fugat li ġie milqugħ b'tifħir kull meta ndaqq. Għandu wkoll l-antifona *Pie Pater* għall-Festa ta' San Duminku miktuba fl-1991 f'forma ternarja għall-organiku ta' sopran solo, kor imħallat u orkestra. Barra li jieħu ħsieb il-Kappella, Patri Salv hu l-organizzatur u d-direttur tal-Kor Ġesù Nazzarenu li għal erbgħin sena ta servizzi f'diversi parroċċi. Mhux darba u tnejn li dan il-kor ingħaqad mal-Kappella Bugeja f'servizzi solenni.

**GĦELUQ IL-WIEĦED U TLETIN SENA MAESTRO DI KAPPELLA U JIDDERIEĠI L-ORKESTRA FIL-KNISJA TAL-FLORIANA**

## NOTI U RIFERENZI

3. Ara, p.e., *Malta Tagħna*, 20 ta' April, 1918, p. 3.
4. Ara *supra*, Kaptilu 7: Mewt Paolo Nani.
5. Attard, Carmen (1986), p. 52. Jidher illi l-ewwel darba li Paul Nani dderieġa l-Kappella Nani kien meta kellu biss tlettax-il sena.
6. Li kien qed jgħallem il-mużika lil Paul.
7. Mifsud, Ġorġ (1981).
8. Vella Bondin, Joseph (1994a), p. 75.
9. Mangion Anthony u Karmenu Zerafa, (1989), p. 227.
10. Schembri, Joachim (1992) p. 13.
11. Abela Joe (1993b), p. 23. Iżda Diacono kellu l-mużika taż-Żejtun f'idejh minn xi snin qabel.
12. Ieħor mill-istudenti ta' Vassallo. Gonzi kien mużiċisti u kompożitur bravu u direttur ta' diversi baned. Il-biċċa l-kbira tal-kompożizzjonijiet tiegħu huma għall-banda, fosthom innu kbir *A Maria SS Annunziata*. Fost il-mużika ekklezjastika nsibu l-antifona, *Gabriel Angelus*, realizzazzjoni brillanti. Dwar dan il-mużiċist, ara l-ktieb ta' Battistino, Vincent (1994).
13. Battistino Vincent (1994), p. 43.
14. Nafu żgur li diġà kien hemm mużika tal-Familja Bugeja fl-1844 meta l-Kappella kien imexxiha Vincenzo Bugeja, Ara Zammit, Wisnton L. (1995), p. 83.
16. *Il-Ħmar*, 6 ta' April, 1918, p. 2. Ara wkoll *Malta*, 16 ta' April, 1918 p. 1.
17. Dwar Ċensinu (Vincent) ara t-teżi ta' Micallef Rosemarie (1989) pp. 40-57. Mifsud Bonnici, Rob. (1951), pp. 37-40.
18. L-aħjar tagħrif bijografiku ġenerali dwar Paul Nani jinsab fit-teżi ta' Attard Carmen (1986), pp. 52-85 u 155-160 Mifsud Bonnici, Rob. (1951) pp. 121-126.
19. Baxx ta' mezzi vokali mhux komuni. Instema' għall-ewwel darba fit-Teatru Rjal fl-10 ta' Novembru, 1902, bħala Don Antonio de Mariz fl-opra *Il Guarany* ta' Carlos Gomez u ntgħoġob ħafna mill-pubbliku. Ġie lura Malta għall-istaġun1905-1906 meta ddeċieda li jibda jgħix Malta fejn beda wkoll jgħallem il-kant u jkanta wkoll fil-knejjes ma' kull *maestro di cappella* li jqabbdu. Iżżewweġ Maltija



u għal tnejn u għoxrin sena sħaħ ħadem fit-Teatru Rjali imma, minħabba l-età f'funzonijiet dejjem anqas importanti. Minn prim baxx niżel sekond, imbagħad komprimarju u fl-aħħar direttur tax-xeni. Miet fit-30 ta' Diċembru, 1927. Ara Biblijoteka, il-Belt Valleta, Manuskritti tal-Librerija. Libr. 1402: Mikelanġ Borg, *Cronistoria dell'opera lirica in Malta, f. 271v.*

20. Kompożitur Taljan ta' l-opra u mużika strumentali li l-opri tiegħu għall-ewwel kienu aktar popolari fil-Ġermanja milli f'pajjiżu. F'Malta minnhom saru *I gioelli della Madonna, Il segreti di Susanna u La vedova scaltra.*
21. Sa l-1931 kien magħruf bħala *Scuola superiore di musica sacra.*
22. Dawn kienu tliet mużiċisti kompożituri u għalliema Taljani mill-aktar importanti ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Waqt li Ferretti kien Benedittin, it-tnejn l-oħra kienu qassisin sekolari.Aktar informazzjoni dwarhom tinsab f'*The New Grove s.v.* il-kunjom ta' kull wieħed minnhom.
31. Lista tal-prodott tiegħu tinsab fit-teżi ta' Micallef Rosemarie (1989), pp. 91-93.
32. Ara Mifsud Bonnici, Rob. (1951), p. 37.
33. Ara Mifsud Bonnici, Rob. (1951), p. 16.
34. Dan hu l-istabbiliment *"Nani, the House of Music"* ta' Triq Nofsinhar il-Belt Valletta.

## NOTA EDITORJALI

L-Awtur ta' dan l-artiklu, is-Sur Joseph Vella Bondin, sakemm irtira mix-xena tal-kant fl-1990, għamel snin twal bħala l-Basso (Baxx) Solista tal-Kappella Bugeja.

Dawk li għandhom xi materjal bħal ritratti, dokumenti jew kitbiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Floriana, San Publju jew il-knisja tagħna, huma mitluba li jieħdu jew jgħaddu dan il-materjal lil Stephen Tonna, C/O Uffiċċju Parrokkjali, 4 Triq Sarria Floriana, jew ċemplu fuq 21 805925, jew Tel/Fax: 21 339649. Min għandu xi artikoli li jistgħu jiġu ppubblikati f'dan il-ktieb huwa mitlub li juża l-istess mezzi ta' komunikazzjoni.
Grazzi bil-quddiem.

Stephen Tonna - L-Editur

## LILL-KBIR MISSIERNA SAN PUBLJU
## NHAR IL-FESTA TIEGĦU FIL-PARROĊĊA TAL-FLORIANA

Minn qiegħ qalbna, lilek Publju,
kull tifħir ġejna nagħtuk
f'dan il-jum tal-festa tiegħek,
biex nuruk kemm inħobbuk.

Insellmulek, kbir SAN PUBLJU
lilek nagħtu kull tifħir,
għaliex meta lqajt lil Pawlu,
Missier ieħor ridt issir.

F'jum imqalleb, meta l-baħar,
lil din artna jibla' ried,
minn ġo fih inqala' Pawlu,
mibgħut lilna mis-smewwiet.

Int ma' Pawlu dħalt fl-istorja
ta' dil-gżira tal-Maltin;
sirtu l-ġieħ tal-poplu tagħna,
li għożżewkom tul is-snin.

Int ilqajt lil Pawlu u 'l sħabu,
mitejn sitta u sebgħin ruħ;
l-ewwel kenn minn dak il-baħar
għandek kellhom isibuh.

Int mingħandu ħadt il-Fidi
u missierek il-fejqan;
il-Maltin li ġew bi ħġarhom
minn kull mard sabu s-serħan.

Ma kinux l-allat pagani
li nebbħuk biex tkun ħanin
Kristu kien li, għaliex ħabbna,
miet ħa jsalva lill-bnedmin.

Le, ma kienx l-imperu kburi
illi lilek għamlek kbir;
kien il-kenn li tajt lil Pawlu
li kisiblek kull tifħir.

Publju w Pawlu, żewġ Appostli,
baqgħu magħna marbutin;
Pawlu ġab il-Fidi fostna;
Publju sar Missier ħanin.

Pawlu fejjaq lil missierek,
hekk kif rifes ġewwa d-dar
u dan kien biss wirja dgħajfa
tal-ġid kbir li fostna sar.

Int minn prinċep ta' dil-gżira
sirt il-Prinċep wisq għażiż,
l-ewwel Isqof sabiex tagħmel
mill-Maltin Poplu qaddis.

Bħala l-ewwel Isqof tagħna
fuq din artna l-Knisja bnejt,
meta l-qerq ta' l-allat foloz
b'għerf u għaqal int urejt.

U x'ħin waslu biex jitilqu
wara medda ta' tliet xhur,
b'kull ma kienet tixtieq qalbhom
għabbejtulhom il-vapur.

Frixt is-sejħa li għamillek
Pawlu, 'l barra minn dax-xtut,
meta b'demmek tajt ix-xhieda
qalb l-iljuni sfajt mixħut.

Bit-tbissima tilma f'wiċċna
minn qiegħ qalbna l-hena jfur;
f'dan il-jum tal-festa tiegħek
lilek jixraq kull unur.

Ma' l-Arċisqof żommna dejjem
f'għaqda waħda marbutin,
biex fis-sema miegħek nibqgħu
ingawduk mal-qaddisin.

**San Ġiljan 18.03.02**
**Dun Anton Sciberras**